MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Avviz Numru. 596/2004

Mary **Ellul**

**Vs**

**Paul Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attriċi li talbet li l-konvenut jigi ikkundannat:

1. Jirritorna lura lill-attriċi fi zmien qasir u perentorju li tiffissa l-Qorti, il-brazzuletta mdawwra bid-djamanti li hija proprjetà tal-attriċi u li tinsab fil-pussess tiegħu.

2. Fin-nuqqas, iħallas dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti bħala valur tal-istess brazzuletta.

Bl-ispejjez inkluzi l-ittra legali tal-21 ta' Settembru 2004 kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Għall-fini ta' kompetenza, l-attirici iddikjarat li l-valur ma jeċċedix is-somma ta' elf Lira Maltija (Lm1,000).

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-brazzuletta indikata fl-avviz fl-ismijiet hawn fuq premessi qatt ma kienet fil-pussess tal-konvenut u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.
2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra l-attriċi.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

F'dan il-kaz, il-kontendenti, li huma ahwa, qed jaghtu verzjonijiet kontrastanti ta' dak li ta lok ghal din il-vertenza. Mill-provi jirrizulta s-segwenti:

1. Il-kontendenti huma ulied Gerald u Carmela Cauchi u ghandhom zewg huthom subien ohra Joseph u Nicola sive Lino.
2. Fl-20 ta' Mejju 1958, Gerald u Carmela Cauchi ghamlu testament *unica carta* ippubblikat min-Nutar Joseph Vella Galea, fejn hallew b'titolu ta' prelegat lill-attrici is-segwenti hames bicciet tad-deheb:
   - (i) barbazzal tal-granspinat;
   - (ii) labra gamewa bil-figura tal-Madonna;
   - (iii) gizirana tad-deheb abjad bil-pendent bi brilliant fin-nofs;
   - (iv) brazzuletta wiesgha tad-deheb;
   - (v) brazzuletta imdawra bid-djamanti.
3. Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid li meta izzewwget fis-sena 1962 ommha u missierha bhala rigal tat-tieg tawha bicctejn mid-deheb fuq imsemmija, u cioe il-barbazzal tal-granspinat u l-labra gamewa bil-figura tal-Madonna. Hi tghid ukoll li meta miet missierha fis-sena 1965, ommha tatha l-kumplament tad-deheb fuq imsemmi, inkluz allura l-brazzuletta mdawwra bid-djamanti, li tifforma l-meritu tal-proceduri odjerni.
4. Fil-21 ta' Jannar 1978, l-attrici inhatret bhala prokuratur generali ta' ommha Carmela Cauchi u zijitha Paulina Pace.
5. Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid li l-brazzuletta mdawwra bid-djamanti kienet fil-kaxxa tad-deheb t'ommha ghaliex *"ftit wara li tatni din il-brazzuletta, ommi kellha zewg tigijiet tat-tfal tieghi u ghalhekk jiena ddecidejt li insellifilha ghall-dawn iz-zewgt okkazzjonijiet. Gara li ommi poggiet din il-brazzuletta fil-kaxxa mad-deheb l-iehor … …"*

6. Mill-provi jirrizulta li Carmela Cauchi kienet liebsa din il-brazzuletta fit-tieg tat-tifel ta' l-attrici, Anthony Ellul, li izzewweg fis-6 ta' Settembru 1986.[1] Mill-affidavit mhux kontradett tal-konvenut, jirrizulta li l-attrici kellha tifel iehor li izzewweg fl-1987,[2] pero ma hemmx prova indipendenti li Carmela Cauchi kienet liebsa din il-brazzuletta f'dan it-tieg.
7. Jirrizulta li lejn il-bidu tas-snin disghin, inqala' disgwid bejn l-attrici u ommha, tant li fis-16 t'Ottubru 1991 l-attrici u zewgha Fortunato Ellul baghtu ittra bl-avukat lill-ommha fejn interpellawha sabiex thallashom:

   *"1. is-somma ta' LM208 kalkolati bil-LM2 fil-gimgha ghall-sentejn ghas-servigi rezi lilek minn Mrs. Ellul* (cioe l-attrici) *tul l-ahhar sentejn bl-istess rata li inti ilek thallas lill-uliedek l-ohra kull meta jigu jarawk;*

   *2. is-somma ta' LM100 bhala hlas ta' servigi talli bintek ilha issegwi il-kawza u tattendi s-seduti fil-kawza "Josephine Vassallo vs Carmela Cauchi" tul dawn l-ahhar seba' snin."*[3]

   Din l-ittra giet segwita b'ittra ufficjali fil-31 ta' Ottubru 1991.[4]

8. Carmela Cauchi wiegbet lill-attrici permezz tal-avukat taghha b'ittra datata 23 ta' Dicembru 1991, fejn irrispengiet il-pretensjonijiet tal-attrici fil-konfront taghha, u irrevokatilha l-prokura li kienet tatha.[5]
9. Ftit gimghat qabel din l-ittra, u cioe fil-25 ta' Novembru 1991, Carmela Cauchi kienet ghamlet testment iehor, fejn fil-waqt li hassret it-testmenti precedenti taghha, halliet lill-attrici l-legittima, u istitwiet bhala eredi universali lill-konvenut u liz-zewg hutu l-ohra.[6]
10. Fl-istess gurnata, u cioe fil-25 ta' Novembru 1991, Carmela Cauchi hatret lill-konvenut bhala prokuratur generali taghha.[7]
11. Skont ix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenut, ommu Carmela Cauchi kienet taf tikteb biss isimha u taqra ftit.[8] Fis-27 ta' Novembru 1991, Carmela Cauchi iffirmat is-segwenti dikjarazzjoni li kien kitbilha l-konvenut, u li tghid hekk: *"Jiena Carmela Cauchi nawtorizza lil Prokuratur tieghi Paul sabiex id-deheb kollu li ghandi d-dar li huwa proprjeta tieghi wahdi jaqsmu bejn it-tlett ahwa subien, jigifieri Joe, Lino u Paul biss. Dan qed nawtorizzah jghamlu*

---

[1] Ara certifikat taz-zwieg ezebit bhala Dok S a fol. 209 tal-process, u r-ritratti tat-tieg ezebiti a fol. 71 u 72 tal-process.
[2] Ara affidavit tal-konvenut a fol. 192 tal-process.
[3] Ara Dok. B anness mal-affidavit tal-konvenut a fol.192 tal-process.
[4] Ara Dok A anness mal-affidavit tal-konvenut a fol. 192 tal-process.
[5] Ara Dok C anness mal-affidavit tal-konvenut a fol. 192 tal-process.
[6] Ara Dok F anness mal-affidavit tal-konvenut a fol. 192 tal-process.
[7] Ara Dok D anness mal-affidavit tal-konvenut a fol. 192 tal-process.
[8] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 173 tal-process.

*minghajr ebda indhil u ghax irrid jien."*[9] Meta ghamlet dan kien hemm prezenti apparti l-konvenut, hutu s-subien u n-nisa taghhom. Hu jghid li ommu gabet il-kaxxa tad-deheb biex jaqsmu d-deheb ta' go fiha. Il-kaxxa kienu issiggilawha quddiem ommu, u iffirmaw l-ahwa subien fuqha. Skont il-konvenut, biex saret il-qasma tad-deheb kienu maru ghand gojjellier biex jistma d-deheb u qasmu fi tlett porzjonijiet u mbaghad tella' l-porzjonijiet bix-xorti.[10]

12. Fl-affidavit tieghu, il-konvenut jghid li dan id-deheb li qasmu bejn it-tlett ahwa subien, ommu kienet wirtitu minghand ohtha Pawlina. Fix-xhieda tieghu, hu jghid li meta qasmu d-deheb, ma kienx hemm il-brazzuletta bid-djamanti.[11]

13. Fl-24 ta' Jannar 1992, l-avukat ta' Carmela Cauchi kiteb lill-attrici u lil zewgha fejn avvertihom biex ghall-ebda raguni ma javvicinawha u/jew idejquha, u jhalluha fil-kwiet, minghajr tfixkil fl-amministrazzjoni ta' hwejjigha.[12]

14. Pero, fil-25 ta' Awwissu 1992, Carmela Cauchi iffirmat lista fejn hemm elenkat numru ta' bicciet ta' deheb, fosthom *"brazzuletta mdawwra b'passata djamanti."* Din il-lista hija intitolata *"Deheb ta' Carmela Cauchi li qieghed ghand Paul Cauchi."*[13] Skont ix-xhieda tal-konvenut, din il-lista kitbitha l-attrici u giet iffirmata minn ommu, izda hu ma kienx prezenti.[14]

15. L-ghada stess li iffirmat din il-lista, cioe fis-26 ta' Awwisu 1992, Carmela Cauchi iffirmat issegwenti dikjarazzjoni *"Jiena Carmela Cauchi niddikjara li l-bierah 25 ta' Awissu 1992 kelli niffirma bil-fors dikjarazzjoni fuq id-deheb tieghi lil binti Mary Ellul ghax kont mhedda minnha. Jiena hawn taht iffirmata niddikjara li d-deheb li tajt lil Paul, Joe u Lino kienu kollu tieghi u mhux ta' Geraldu Cauchi kif kitbet binti Mary Ellul. Jiena niddikjara li zewgi Geraldu ma kellux deheb u dak li tajt lil Paul, Joe u Lino kien tieghi."*[15]

16. Propju il-gurnata ta' wara, cioe fis-27 ta' Awwissu 1992, l-attrici hadet lil ommha ghand nutar biex taghmel testment iehor. F'dan l-ahhar testament, Carmela Cauchi irrevokat kwalunkwe testament precedenti taghha, u istitwiet lill-erba' uliedha bhala eredi universali taghha.[16] Ma dan it-testment gie anness certifikat mediku li jiccertifika li Carmela Cauchi kienet mentalment kapaci tiddisponi minn hwejjigha b'testment. Skont l-istess certifikat mediku, dak in-nhar Carmela Cauchi kellha 84 sena.

---

[9] Ara Dok K a fol. 197 tal-process, u kopja ohra ezebita a fol. 170, fil-waqt li l-original huwa ezebit a fol. 174 tal-process.
[10] Ara xhieda tal-konvenut a fol.77-78 tal-process.
[11] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 78 tal-process.
[12] Ara Dok H anness mal-affidavit tal-konvenut a fol. 192 tal-process.
[13] Ezebita bhala Dok A a fol. 19 u bhala Dok M a fol. 199 tal-process.
[14] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 194 tal-process.
[15] Ara Dok L a fol. 198 tal-process.
[16] Ara testament ezebit a fol. 114 tal-process u ezebit ukoll bhala Dok E anness mal-affidavit tal-konvenut a fol. 192 tal-process.

17. Pero jidher li kompla ghaddej il-glied, u li l-konvenut kien qed jinsisti li l-attrici tirritorna xi affarijiet, fosthom affarijiet tad-deheb ta' ommu. L-avukat tal-attrici, permezz ta' ittra tal-20 ta' Jannar 1993, fil-waqt li irrispinga l-allegazzjonijiet tal-konvenut, infurmah li f'kaz li se jibqa' jinsisti fuq it-talbiet tieghu, l-attrici kienet se tiehu passi biex ommha tigi inibita.[17]
18. Fil-fatt jirrizulta li dawn il-passi ittiehdu, u li Carmela Cauchi giet interdetta mill-Qorti. Skont l-affidavit tal-konvenut dan sar fis-26 t'April 1993.
19. Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid li l-konvenut ha minghand ommhom il-kaxxa tad-deheb li fiha ommha kienet poggiet il-brazzuletta b'passata tad-djamanti li hi (l-attrici) kienet silfitha. Skont l-attrici din il-kaxxa kien fiha id-deheb kollu imnizzel fil-lista li ommhom kienet iffirmat fil-25 t'Awwissu 1992. L-attrici tghid li ommha kemm il-darba qalet lill-konvenut quddiemha biex jerga' jirritornalha l-kaxxa tad-deheb taghha. Pero dan hu michud mill-konvenut.[18]

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-kawza tikkoncerna apprezzament ta' provi fejn hemm verzjonijiet djametrikament opposti bejn dik tal-attrici u dik tal-konvenut. Il-Qorti hasset in-necessita' li tirriproduci f'certa dettal l-incidenti li kien hemm fil-bidu tas-snin disghin bejn il-kontendenti u ommhom, ghax fl-opinjoni taghha dan hu utli sabiex jaghti perspettiva ahjar tal-kuntest li fih qed issir it-talba attrici. Il-Qorti tiddeplora l-mod dwar kif iz-zewg kontendenti irriducew lil ommhom f'mera oggett ta' min jirnexxielu jigbed l-izjed fih, ghall-interessi personali tieghu/ taghha. Dan aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li din kienet mara anzjana ta' 84 sena, li bdiet anki tbati minn mard mentali, tant li giet interdetta.

Kif inhu risaput, l-oneru tal-prova huwa fuq min jallega, u ghalhekk kien jinkombi fuq l-attrici li tipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili li l-konvenut ghandu jew ghall-inqas kellu fil-pussess tieghu l-brazzuletta bil-passata tad-djamanti, li hija l-mertu ta' dawn il-proceduri.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-provi li resqet l-attrici ma rnexxiliex tissodisfa dan il-grad tal-prova, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

[17] Ara Dok I anness mal-affidavit tal-konvenut a fol. 192 tal-process.
[18] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 78 tal-process.

1. L-attrici tghid li hija kienet silfet din il-brazuletta lil ommha sabiex tilbisha fit-tigijiet ta' ulied l-attrici stess, u ommha baqghet qatt ma irritornatilha din il-brazzuletta. Jirrizulta li dawn it-tigijiet saru fl-1986 u 1987, u fil-waqt li mill-provi jirrizulta li l-omm kienet liebsa din il-brazzuletta fit-tieg li sar fl-1986, ma hemmx prova indipendenti li hija kienet liebsa din il-brazzuletta fit-tieg li sar fl-1987. Id-disgwid bejn l-attrici u ommha jidher li beda fl-1991. Mhux verosimili, li – fl-ahjar ipotesi ghall-attrici - f'dawn l-erba' (4) snin l-attrici ma haditx hsieb li titlob lil ommha tirritornalha l-brazzuletta li kienet silfitha.

2. Meta fis-16 t'Ottubru 1991, l-attrici u zewgha kitbu, permezz tal-avukat taghhom, lil ommha Carmela Cauchi u talbuha flus ghas-servigi – meta allura r-relazzjonijiet bejn l-attrici u ommha kienu iddeterjoraw kompletament - stranament, l-attrici ma hassitx in-necessita li tinterpella lil ommha sabiex tirritornalha din il-brazzuletta. Ma hu ta' l-ebda komfort ghat-tezi attrici, illi jinghad li dak iz-zmien il-brazuletta kienet diga fil-pussess tal-konvenut li allegatament ha kaxxa tad-deheb minghand ommhom, ghax l-attrici kienet ben konsapevoli li l-konvenut kien prokuratur ta' ommhom. Fi kwalunkwe kaz, l-attrici setghet ukoll tinterpella lill-istess konvenut sabiex jirritorna l-brazzuletta, specjalment meta l-konvenut stess kien interpella lill-attrici fil-bidu tal-1993 sabiex tirritorna xi deheb ta' ommhom.

3. Hija relevanti wkoll ix-xhieda tan-nisa ta' hut il-kontendenti, Therese Cauchi u Alice Cauchi, li t-tnejn kienu prezenti meta l-kaxxa tad-deheb giet issigillata quddiem Carmela Cauchi u li marru mal-konvenut biex jaqsmu d-deheb. Dawn iz-zewg xhieda qalu li fil-kaxxa li hadu ma kienx hemm brazzuletta mdawra bid-djamanti.[19] Dawn iz-zewg xhieda qalu ukoll li Carmela Cauchi kienet qaltilhom li d-deheb personali taghha kienet tatu lill-attrici u d-deheb li kellha li mhux taghha, ghax kien ta' ohtha Pawlina, kienet se taqsmu bejn l-ahwa subien.

4. Ghalkemm, ir-ragel tal-attrici, Fortunato Ellul xehed li Carmela Cauchi kienet tghid lill-konvenut biex igibilha lura l-kaxxa tad-deheb li kien hadilha meta kienet l-isptar, dan ix-xhud jistqarr li hu qatt ma kien ra din il-kaxxa tad-deheb ghand omm martu.[20]

[19] Ara xhieda ta' Therese Cauchi a fol. 31-32 tal-process u xhieda ta' Alice Cauchi a fol. 34 tal-process.
[20] Ara xhieda ta' Fortunato Ellul a fol. 75 tal-process.

5. Fis-27 t'Awwissu 1992, l-attrici hadet lil ommha ghand nutar biex taghmel testment gdid, fejn regghet istitwit lill-attrici bhala wahda mill-erba' eredi taghha fi kwoti indaqs bejniethom – ghax fit-testment ta' qabel kienet hallitilha biss il-legittima. F'dan it-testment imkien ma tissemma din il-brazzuletta, li kemm l-attrici kif ukoll ommha suppost kienu jafu li qieghda fil-pussess tal-konvenut ghax jumejn qabel, cioe fil-25 t'Awwissu 1992, l-omm kienet iffirmat l-elenku tad-deheb li allegatament kien fil-pussess tal-konvenut. F'din il-lista hemm imsemmija l-brazzuletta in kwistjoni. Fic-cirkostanzi li fihom sar dan it-testment, wiehed kien jippretendi illi Carmela Cauchi kienet terga' tikkonferma li dik il-brazzuletta ghandha tithalla bhala prelegat lill-attrici, jew li ghall-inqas issemmi din il-brazzuletta fit-testment b'xi mod iehor.

6. Kif jirrizulta mill-provi, kemm il-kontendenti kif ukollhom ommhom kienu qed juzaw is-servizzi ta' avukati biex jikkomunikaw bejniethom. Ghalhekk, jekk kien veru dak li qed tallega l-attrici li l-konvenut ha kaxxa tad-deheb minghajr il-kunsens ta' ommu, l-omm setghet irrevokat il-prokura li kienet tat lill-istess konvenut, kif del resto irrevokat il-prokura li kienet tat lill-attrici, u titolbu, permezz tal-avukat taghha jirritornalha lura l-kaxxa tad-deheb.

7. Fl-ahharnett jigi rilevat li d-dikjarazzjoni ta' Carmela Cauchi tas-26 t'Awwissu 1991 fejn qalet li hi kienet mhedda mill-attrici biex il-gurnata ta' qabel tiffirma elenku tad-deheb li allegatament kien fil-pussess tal-konvenut, ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-istess attrici.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, qieghda tichad it-talba tal-attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------